MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 91/2001/1

Avviz Nru:- 91/01DM

Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza ta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Georgina Hall sija bil-polza u sija bil-ligi

Vs

John Grech

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tlett mija, disgha u disghin lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm399.71) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tat-23 ta' Lulju 2000 meta l-

konvenut waqt li kien isuq il-karrozza numru CBA 847 baqa’ diehel fil-karrozza numru JBC 776 proprjeta’ tal-assikurata Georgina Hall, li kienet ipparkjata hdejn il-kazin tal-Football, Qormi, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament tieghu minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi Lm6 tal-konsult legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Grech fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur peress li l-kollizzjoi in kwistjoni ma saritx tort tal-eccipjent kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjent ma hux responsabbli ghall ebda hlas ta’ danni;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, d-danni reklamati mill-attur huma esagerati;
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

.
Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi l-vettura ta’ Georgina Hall li kienet giet ipparkeggjata fi pjazza San Frangisk, f’Hal Qormi, fit-23 ta’ Lulju 2000, kienet giet milquta minn vettura ohra waqt illi kienet hemm wieqfa u giet iddanneggjata.

Jirrizulta wkoll illi l-vettura l-ohra illi kienet ikkawzat il-hsara fuq il-vettura ta’ Georgina Hall ma waqfitx fil-post

tal-habta u Georgina Hall ikkuntattjat lill-konvenut wara li kienet irceviet informazzjoni anonima illi kienet il-vettura tal-konvenut illi kkawzat il-hsara fuq il-vettura taghha.

Jirruzulta wkoll illi Georgina Hall kienet assikurata mall-kumpanija attrici taht polza ‘comprehensive’ u kienet giet ikkumpensata mill-kumpanija attrici ghad-danni kollha li sofriet u hi kienet issurrogat lill-atturi fid-drittijiet taghha.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni li sofrew l-atturi biex ghamlu tajjeb ghal hsarat li sofriet il-vettura tal-assikurata taghhom, il-Qorti hija sodisfatta, mid-deposizzjoni tas-surveyor u r-rapport tieghu, l-ircevuti relattivi, kif ukoll mill-entita tal-hsara, illi dawn  id-danni jammontaw ghas-somma ta’ Lm399.71 (tlett mija u disa’ u disghin liri Maltin u wiehed u sebghin centezmi) kif qed jitolbu l-atturi f’din il-kawza.

Minn-naha tieghu l-konvenut jikkontendi illi dak li qed isosstni Georgina Hall  mhux minnhu ghaliex huwa b’ebda mod ma laqat il-vettura taghha.  Izda mill-provi jirrizultaw kwantita’ ta’ indizji illi jimminaw kull affidabilita’ tal-verzjoni tieghu.

Infatti l-vettura tal-konvenut fil-gurnata u post fejn giet milqutgha l-vettura ta’ Hall kienet ukoll ipparkjata fl-inhawi u l-konvenut jaccetta illi sposta l-vettura tieghu waqt iz-zmien illi kienet ipparkeggjata l-vettura ta’ Hall.

Jirrizulta wkoll illi l-hsara fuq il-vettura ta’ Hall kienet giet ikkawzata minn  vettura  ta’ kulur ahmar kif fil-fatt irrizulta li kien il-kulur tal-vettura  tal-konvenut.

Jirrizulta wkoll illi l-konvenut avvicinat minn l-istess Georgina Hall, kif ukoll minn ommha Josephine Hutchinson, kien aggixxa b’mod indikattiv ta’ wiehed li ammetta r-responsabilta’.  Infatti jirrizulta stabbilit illi l-kaz wasal il-Qorti ghaliex il-kontendenti ma qablux fuq l-ammont ta’ kumpens u dwar fejn kellhom isiru r-riparazzjonijiet.

Huwa inverosimili dak li allega l-konvenut u li huwa offra li jhallas kumpens jew li jghamel ir-riparazzjonijiet ghaliex giethu hniena minn Georgina Hall u ommha.

Izda dak li jistabbilixxi verament il-htija tal-konvenut hija id-deposizzjoni cara ta' Louis Abela, xhud okkulari tal-incident, li ddeskriva ezattament il-manuvra ta' John Grech li wasslitu biex habat mal-vettura ta' Hall.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u ghal hsara rizultanti u ghalhekk, fil-waqt li tillikwida d-danni totali li sofrew l-atturi b'konsegwenza tal-istess kollizzjoni fis-somma ta' ta' Lm399.71 (tlett mija u disa' u disghin liri Maltin u wiehed u sebghin centezmi), il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' ta' Lm399.71 (tlett mija u disa' u disghin liri Maltin u wiehed u sebghin centezmi) bl-imghaxijiet legali b'effett mit-8 ta' Frar 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------